# SIR PHILIP PULLICINO ( 1943 - 1950)

**mill-Onor Imħallef J.A. Filletti BA., LL.D., ARHist S**

Ser naqsam din il-kitba dwar il-ħajja pubblika u ħidma tat-tlettax-il president tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' f'żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti sejjer nikkonċentra l-aktar fuq il-ħajja pubblika ta' Sir Philip Pullicino. Fit-tieni parti mbagħad, naraw flimkien xi wħud mill-avvenimenti jew attivitajiet li ġraw tul din il-presidenza fi ħdan is-Soċjetà. Iż-żmien li dan il-persunaġġ għamel bħala president kien konsiderevolment anqas minn dak ta' qablu u dak li laħaq warajh però naturalment ma jnaqqas xejn mill-merti tiegħu. Anzi xorta waħda, kif ser naraw, kienet presidenza interessanti u rikka kemm mil-lat personali u kemm mil-punto di vizta ta' attivitajiet.



Philip Pullicino twieled l-Imdina fil-21 ta' Novembru, 1885. Missieru kien l-Imħallef Giovanni Pullicino u ommu kienet Giorgina Mifsud, bint l-Imħallef Pasquale MIfsud. Bi sfond legali bħal dan kemm min-naħa paterna u dik materna, ma setax jonqos - għalkemm ġieli jiġri bil-maqlub - li Philip ixaqleb lejn il-professjoni legali. Wara li temm l-istudji skondarji tiegħu fil-kulleġġ ta' Sant' Injazju, huwa daħal għall-kors tal-liġi fl-Università ta' Malta mnejn kiseb id-Dottorat fil-Liġi fl-1907. Fl-1910 ta bidu għall-karriera forensi bħala avukat fil-Qrati ta' Malta u fl-1918 huwa żżewweġ lil Maud, bint il-Kurunell Achille Sammut C.M., C.M.G., u minn dan iż-żwieġ twieldu sitt itfal subien u ħames bniet.

Fl-1928 l-Avukat Pullicino gie elevat għall-Bank tal-Ġudikatura bħala Imħallef tal-Qrati Superjuri, kariga li però ma baqax jokkupaha għal perjodu twil għaliex appena sena wara ddeċieda li jiddimetti minn ġudikant u jassumi minflok l-uffiċċju ta' Kunsillier għat-Teżor u Prosekutur Pubbliku. Fl-1937 huwa laħaq Avukat Ġenerali u dam iservi f'din il-kariga sal-1941 meta huwa rtira. Kien f'dan iż-żmien ukoll li huwa serva bħala Membru fil-Kunsill tal-

Gvern fl-1939 - meta pajjiżna kien allura fil-għatba tat-Tieni Gwerra Dinjija. Ta' min iżid li bejn is-snin ta' wara l-Gwerra, jġifieri bejn l-1944 u l-1955 huwa serva bħala konsulent legali tal-Forzi Armati tal-Maestà Tiegħu r-Re kif ukol bħala Assessur tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta. Fl-1943 Sir Philip Pullicino mexxa l-quddiem il- "Malta Landowners' Protection Association".

B'turija ta' apprezzament għal ħidmietu fil-qasam pubbliku, il-M.T. ir-Re Ġorġ ta' l-Ingilterra ħatru bħala "Knight Bachelor" fl-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ bit-titlu ta' "Sir".

Il-ħajja pubblika tiegħu kellha anke dimensjoni soċjo-kulturali. Fi żmien fejn qed naraw li ħafna karigi jimtlew biss min-nies assoċjati mal-politika, ikun tajjeb li wieħed jara s-siwi li jkollok nies ukoll ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja: professjonisti, negozjanti, ħaddiema ta' kull tip. Fl-1943 Sir Philip Pullicino inħatar bħala t-13-il President tas-Soċjetà Fil. Naz. "La Valette" u dan wara li kienet seħħet bidla importanti fl-Istatut. Fit-23 ta' Ġunju 1943 is-Seduta Ġenerali approvat emenda għall-Istatut biex il-President jiġi elett direttament mis-soċi preżenti f'Seduta Ġenerali wara li jkun ġie nominat separatament mill-membri l-oħra tal-Kumitat. Dan il-mod ġdid ta' elezzjoni kien jiżgura u kellu l-għan li jservi bħala miżura ta' kontroll u skrutinju min-naħa tal-Kumitat fuq kull kandidat prospettiv għal din il-kariga u fl-istess waqt però jħalli l-għażla finali f'idejn is-soċji ordinarji. B'hekk ġie mqiegħed fis-seħħ proċess aktar demoktratiku u rappreżentattiv. Wara li ġie nnominat bħala President, Sir Philip Pullicino Kt. B.Litt., LL.D. min-naħa tal-Kumitat, is-Seduta Ġenerali għażlitu b'akklamazzjoni ġenerali min-naħa tas-soċi preżenti. Fid-9 ta' Lulju 1943 inżammet l-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-ġdid taħt il-presidenza tiegħu. Fil-bidu tal-laqgħa ġie mfakkar il-mejjet president predeċessur tiegħu, Sir Ugo Mifsud. F'din l-okkażjoni l-Kumitat iddeċieda li jibgħat ittra lil Lady Mifsud b'turija ta' rikonoxximent ta' ħidmietu. Min-naħa tagħha, Lady Mifsud irrikambjat dan l-ġest billi rregalat lis-Soċjetà bassoriljev ta' żewġha biex jibqa' jinżamm fil-Każin b'tifkira tiegħu - skambju li jixhed ir-rispett kbir reċiproku bejn il-familja Mifsud u s-Soċjetà "La Valette". Minbarra din il-ħatra, Sir Philip Pullicino kien ukoll elett f'erba' okkażjonijiet bħala President tal-Casino Maltese, li s-sede tiegħu tinsab ftit aktar 'l bogħod minn dik tas-Soċjetà. Sir Philip irriżenja minn President tas-Soċjetà għal raġunijiet personali fl-1950.

Huwa miet fis-16 ta' Lulju 1960.

RIFERENZI

1. Schiavone M. - Scerri L.J. Maltese Biographies of the Twentieth Century, PIN, Malta, 1997, p. 469/
2. A.E. Abela. The Order of St. Michael and St. George in Malta Progress Press, Malta 1988.
3. Ciarlò J. Rev., La Valette, L-Ewwel Mitt Sena Storja, Malta, pp. 256-257.
4. The Sunday Times, 17 ta' Lulju 1960.